# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MAZÁK ippreżentati fil-11 ta' Mejju 2010[1]

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari l-Oberverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja) għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003[2]. Essenzjalment, il-partijiet fil-kawża prinċipali jinsabu f'kontroversja dwar it-teħid inkunsiderazzjoni ta' żona — li tintuża għal protezzjoni ambjentali u għal produzzjoni agrikola — meta jiġu ffissati d-drittijiet għall-pagament tal-irziezet.

## I — Il-kuntest legali

2. Ir-Regolament Nru 1782/2003 jipprovdi għal forma ta' appoġġ għad-dħul għall-bdiewa msejħa l-Iskema ta' Pagament Uniku (iktar 'il quddiem, l-"SPU").

3. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1782/2003 jiddefinixxi b'mod partikolari "ażjenda" bħala "l-'units' kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinsab fit-territorju ta' l-istess Stat Membru" u "attività agrikola" bħala "[i]l-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta' annimali u ż-żamma ta' annimali għal skop[ijiet] ta' biedja [agrikoli], jew il-manteniment [manutenzjoni] tal-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5".

4. Fir-rigward tal-użu ta' drittijiet għall-pagament, l-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003 jgħid:

"1. Kull dritt għall-pagament akkumpanjat b'ettaru eliġibbli għandu jagħti dritt għall-pagament ta' l-ammont iffissat mid-dritt ta' pagament.

2. 'Ettaru eliġibbli' ifisser kull żona agrikola ta' l-azjenda meħuda minn art li tinħarat [tinħadem] u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli. [...]

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU 2003 L 270, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2013/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 4, p. 269) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1782/2003").

3. Il-bidwi għandu jiddikjara l-biċċiet ta' art li jikkorrispondu mal-ettaru eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għall-pagament. Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-biċċiet ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal mill-inqas perjodu ta' 10 xhur, li jibdew minn data ffissata mill-Istat Membru, imma mhux qabel l-1 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni fl-[SPU]".

5. L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 795/2004[3] jipprovdi li "[g]ħall-finijiet tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'żona agrikola' għandha tfisser iż-żona totali kollha meħuda, minn art li tinħadem, mergħa permanenti, u uċuħ tar-raba permanenti;

b) 'art li tinħadem' għandha tfisser art li tinħadem skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 punt (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004(2);

[...]

e) 'mergħat permanenti' għandha tfisser 'mergħat permanenti' skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2, punt (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004;

[...]"

6. Fl-istess ħin, l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004[4] jipprovdi li "[g]ħall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. 'Raba' li jinħarat [Art li tinħadem]': għandha tfisser art maħduma sabiex jiġu prodotti l-uċuħ tar-raba' jew inkella art miżmuma f'qagħda [kundizzjonijiet] agrikol[i] u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 kemm jekk dik l-art tkun bis-serer jew taħt kopertura fissa jew mobbli u kemm jekk le;

2. 'Mergħat permanenti': għandha tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-azjenda għal ħames snin jew iktar, minbarra art li taqa' fi ħdan l-iskemi għas-serħan tal-artijiet skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 [ĠU

3 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' ħlas waħdieni li hemm provvediment dwaru fir-[Regolament Nru 1782/2003] (ĠU Edizzjoni Speċjali, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 226) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 306M, p. 21) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 795/2004").

4 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u ġestjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-[Regolament Nru 1782/2003] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 796/2004").

Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 322], art li taqa' fi ħdan l-iskemi għas-serħan tal-artijiet skont l-Artikolu 54(2) u l-Artikolu 107 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, żoni mserrħin skont ir-Regolament (KE) Nru 2078/92 [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 391];

[...]"

## II — Il-fatti u d-domandi preliminari

7. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-kuntest ta' kawża prinċipali quddiem il-qorti tar-rinviju, li fiha l-Aufsichts-und Dienstleistungsdirektion Trier (il-Ġermanja) (korp amministrattiv b'poteri ta' superviżjoni u konsulenza, iktar 'il quddiem, l-"ADD") jinsab f'kontroversja mal-Landkreis Bad Dürkheim (awtorità distrettwali rurali, iktar 'il quddiem, il-"Landkreis") dwar it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti żoni (iktar 'il quddiem iż-"żoni inkwistjoni") meta jiġu ffissati d-drittijiet għall-pagamenti ta' A. Niedermair-Schiemann fil-qafas tal-iSPS għas-snin 2005 u 2006. A. Niedermair-Schiemann hija raħħala tan-nagħaġ. Hija mhix il-proprjetarja taż-żoni inkwistjoni, imma hija awtorizzata li tużahom fuq bażi kuntrattwali.

8. Skont il-kuntratt ta' ġestjoni mal-Land Rheinland-Pfalz, A. Niedermair-Schiemann hija awtorizzata tuża madwar 5 ettari ta' art bħala mergħa għat-tiben, mingħajr ħlas, suġġett għal ċerti restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li tħallas l-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali. Għalhekk, iż-żoni inkwistjoni ma jistgħux jinħasdu mill-1 ta' Novembru sal-15 ta' Ġunju. Il-ħsad ma jistax isir b'magna tal-ħsad li taħdem bil-ġbid tal-ajra *(suction)* jew li taħdem b'sistema rotatorja. Minflok it-tieni ħsad, nagħaġ u mogħoż taħt is-superviżjoni tar-ragħaj jistgħu jitħallew jirgħu, fil-forma ta' mergħa b'tinwib tal-art jew mergħa f'żoni miftuħa, li l-perijodu li fih jirgħu jrid ikun miftiehem mal-awtorità tal-protezzjoni tal-kampanja.

9. Skont il-kuntratt ta' ġestjoni u manutenzjoni mal-Landkreis, A. Niedermair-Schiemann — bħala l-parti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt — hija obbligata li tagħmel manutenzjoni u tiġġestixxi ċerti żoni, li jkopru madwar 35 ettaru, bil-għan li tiġi protetta n-natura. Għal dan hija tirċievi pagament annwali ta' EUR 13 870. Hija suġġetta għal obbligi kuntrattwali speċifiċi u għandha ssegwi l-istruzzjonijiet mill-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura, pereżempju fuq kemm għandha tkun intensiva l-mergħa, u hija appoġġjata b'miżuri ta' manutenzjoni meħuda mill-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura, bħal ħsad preparatorju ta' sezzjonijiet ta' art u tneħħija regolari ta' pjanti baxxi li jsir minn terzi.

10. A. Niedermair-Schiemann irreġistrat iż-żoni inkwistjoni, fil-kuntest tal-applikazzjonijiet għal appoġġ agrikolu, bħala mergħa permanenti li tifforma parti mill-azjenda. B'deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2006, hija kienet allokata d-drittijiet għall-pagamenti ta' art li tinħadem jew għal mergħa. Din id-deċiżjoni ġiet emendata b'istruzzjonijiet ministerjali b'deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2007, minħabba li ż-żoni użati abbażi tal-kuntratti ta' ġestjoni ma kinux eliġibbli għal appoġġ. A. Niedermair-Schiemann ippreżentat ilment mal-kumitat għall-affarijiet legali tal-Landkreis, li annulla d-deċiżjoni tal-emenda msemmija iktar 'il fuq. B'sentenza tat-2 ta' Lulju 2008, il-Verwaltungsgericht (Qorti Amministrattiva) laqgħet ir-rikors kontra d-deċiżjoni għall-annullament tal-Landkreis, annullat id-deċiżjoni meħuda dwar l-ilment u għalhekk reġgħet daħħlet fis-seħħ id-deċiżjoni tal-emenda tal-14 ta' Mejju 2007. Din is-sentenza kienet appellata quddiem il-qorti tar-rinviju, li ddeċidiet li kien neċessarju li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"1. Żona tibqa' żona agrikola skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003 meta, għalkemm użata wkoll għal skopijiet agrikoli (mergħa għat-trobbija tan-nagħaġ), din prinċipalment isservi għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura?

2. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

Żona hija użata għal attivitajiet mhux agrikoli skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003 meta l-attivitajiet inkwistjoni jservu prinċipalment għall-protezzjoni tan-natura jew f'kull każ meta, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura?

3. Jekk hemm żona agrikola (l-ewwel domanda) użata għal attivitajiet agrikoli (it-tieni domanda):

Sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda (żona agrikola tal-azjenda skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003),

(a) huwa neċessarju li tali żona tkun qiegħda għad-dispożizzjoni tal-azjenda permezz ta' kuntratt ta' kiri jew ta' tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas?

(b) Fil-każ ta' risposta negattiva: Iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr

ħlas, jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura?

(ċ) Fil-każ ta' risposta affermattiva: Iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata?"

11. Il-Landkreis, l-ADD, A. Niedermair-Schiemann, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Mal-partijiet kollha, minbarra l-Gvern Ġermaniż, ingħaqad il-Gvern Pollakk fis-smigħ tal-kawża li sar fl-4 ta' Frar 2010.

## III — Analiżi

### A — *L-argumenti prinċipali tal-partijiet*

12. Fir-rigward tat-tieni domanda, l-ADD issostni li l-użu ta' żoni assenjati għall-konservazzjoni tan-natura ma humiex attività agrikola. Dwar it-tielet domanda, hija tgħid li żona koperta minn regoli dwar il-protezzjoni tan-natura ma għandhiex tikkostitwixxi żona agrikola għall-finijiet tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003. Dak ikun jirrikjedi li ż-żona — jiġifieri, l-units ta' produzzjoni skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament — tkun ġestita mill-azjenda. Madankollu, il-kunċett ta' ġestjoni jeħtieġ setgħa ta' dispożizzjoni bla limitu fuq iż-żona fir-rigward tal-użu agrikolu tagħha.

13. Il-Landkreis ssostni li żona li sservi biex kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali jiġu ppreżervati tikkostitwixxi żona agrikola fis-sens tal-Artikolu 44(3) tar-Regolament Nru 1782/2003. L-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tal-ambjent ma għandhomx rilevanza fuq din il-konklużjoni. Rigward it-tielet domanda, il-Landkreis issostni li l-Artikolu 44(3) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jgħidx jekk u kif, iż-żona inkwistjoni għandha tkun legalment allokata lill-bidwi. La l-fatt li ż-żona tingħata bla ħlas u lanqas il-fatt li jingħata kumpens għall-mergħa ma għandhom l-ebda

rilevanza fuq il-fatt li tkun titqies li tifforma parti minn azjenda partikolari.

limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, ma jipprekludix li din iż-żona tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti mill-azjenda. Dan għaliex, f'dan il-każ, l-aġir tal-bidwi mhux iddeterminat minn terzi. Finalment, il-fatt li l-azjenda hija — b'kuntratt u bis-saħħa ta' obbligi agro-ambjentali — obbligata twettaq ċerti servizzi, li għalihom hija rremunerata, ma jippekludix il-fatt li l-azjenda tibqa' tifforma parti mill-azjenda fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003.

14. Fir-rigward tal-ewwel domanda, A. Niedermair-Schiemann issostni li żona li hija effettivament użata bħala "art li tinħadem" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 796/2004 jew bħala "mergħa permanenti" fis-sens ta' dan l-istess Artikolu, tibqa' żona agrikola għall-finijiet tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, anki jekk l-iskop tagħha huwa prinċipalment il-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u l-protezzjoni tan-natura. Dwar it-tieni domanda, hija ssostni li żona hija użata għal skopijiet agrikoli għall-finijiet tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, anki jekk l-iskop primarju tal-attività agrikola huwa l-protezzjoni tan-natura. Ftit jimporta li l-bidwi huwa, b'kuntratt jew fuq bażi ta' leġiżlazzjoni — suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura. Għal dak li jikkonċerna t-tielet domanda, A. Niedermair-Schiemann issostni li sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda (żona agrikola tal-azjenda skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003), ma tirrikjedix kuntratt taħt il-liġi ċivili. Għalhekk, ma jkunx meħtieġ li ż-żona titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' azjenda permezz ta' kuntratt ta' kiri jew ta' tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas. Il-fatt li żona agrikola tiġi allokata lil azjenda mingħajr ħlas jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu

15. Il-Gvern Ġermaniż jgħid li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li żona agrikola tibqa' żona agrikola skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 meta — għalkemm użata bħala mergħa għal finijiet agrikoli — din ukoll isservi għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura. Dan huwa l-każ ukoll jekk dawn l-għanijiet tal-aħħar jikkostitwixxu l-għan b'mod prinċipali. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Gvern Ġermaniż isostni li l-fatt li l-attività agrikola ukoll — jew anki prinċipalment — isservi għall-protezzjoni tan-natura, jew il-fatt li, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-bidwi jkun suġġett għall-istruzzjonijiet mill-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura, ma jipprekludix żona milli tkun ikkunsidrata bħala li tkun użata għal attivitajiet agrikoli. Fir-rigward tat-tielet mistoqsija, il-Gvern Ġermaniż isostni li sabiex żona agrikola użata

għal attività agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda (żona agrikola tal-azjenda fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003), meta iż-żona titqiegħed għad-dispożizzjoni għal perijodu limitat, huwa neċessarju li l-bidwi jiġġestixxi ż-żona. Madankollu, mhux neċessarju li t-tqegħid għad-dispożizzjoni jkun bi ħlas. Biex ikun stabbilit jekk bidwi jġestix żona, għandha ssir evalwazzjoni globali taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha. Skont iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, b'mod partikolari l-portata tal-leġiżlazzjoni jew tas-setgħat leġiżlattivi tal-partijiet, it-tqegħid għad-dispożizzjoni taż-żoni bl-għan li jiġu użati għal ċertu mod u għal perijodu limitat, filwaqt li jiġu osservati l-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura jista' fil-fatt jindika li dawn iż-żoni għandhom jiġu allokati lil azjenda li tużahom, għaliex il-bidwi ma jiġġestixxihomx. Madankollu, il-fatt li azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata, għandu, fil-prinċipju, jippreklidiha milli tifforma parti mill-azjenda.

għalihom għandhom ikunu kif ġej. L-ewwel nett, l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jipprekludix żoni milli jkunu kkunsidrati bħala "ettari eliġibbli" meta, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, huma użati biex prinċipalment iservu għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura, jew meta l-attività eżerċitata fuq dawn iż-żoni sservi prinċipalment dan l-għan. It-tieni nett, l-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, għandu jiġi interpretat fis-sens li żoni jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jifformaw parti mill-azjenda skont l-SPU: (a) indipendentement mill-eżistenza ta' kuntratt ta' kera jew ta' tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas, anki jekk iż-żoni jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, (b) minkejja l-fatt li l-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura jew il-fatt li l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata; jew (ċ) anki jekk iż-żoni huma suġġetti għal ċerti restrizzjonijiet għal perijodu limitat.

16. Il-Kummissjoni tipproponi li jkunu riformulati d-domandi u ssostni, essenzjalment, li r-risposti

17. Il-Gvern Pollakk sostna li l-pożizzjoni tiegħu hi, essenzjalment, l-istess bħal dik tal-Kummissjoni.

B — *Evalwazzjoni*

1. L-ewwel u t-tieni domandi

18. Naħseb li l-ewwel u t-tieni domandi għandhom jiġu trattati flimkien [5]. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona agrikola tibqax "żona agrikola" fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 meta, għalkemm użata wkoll għal finijiet agrikoli, fejn dik l-erja hi ukoll użata għal skopijiet agrikoli (mergħa għat-trobbija tan-nagħaġ), hija sservi prinċipalment għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura. Bit-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona hijiex użata għal attività mhux agrikola fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 meta l-attività inkwistjoni sservi prinċipalment għall-protezzjoni tan-natura jew f'kull każ meta, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura.

19. Fis-sentenza Horvath [6] kawża li kienet tirrigwarda r-Regolament Nru 1782/2003, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod partikolari li kkunsidrat li "inkwantu r-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent, li jikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Komunità, għandhom, skont l-Artikolu 6 KE, 'ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-politika u l-attivitajiet Komunitarji', tali ħarsien għandu jkun ikkunsidrat bħala għan li jagħmel ukoll parti mill-politika komuni fil-qasam tal-agrikoltura."

20. L-għanijiet tal-politika agrikola komuni u dawk tal-ħarsien tal-ambjent ma humiex inkompatibbli; għal kuntrarju, huma għandhom jitqiesu bħala komplimentari. Dan huwa importanti, għax jista' jirriżulta mid-domandi magħmula li l-qorti nazzjonali kkunsidrat li dawn iż-żewġ serje ta' għanijiet kienu essenzjalment opposti.

21. Issa, fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jipprovdi li "ettaru eliġibbli" jfisser kull "żona agrikola" tal-azjenda meħuda minn "art li tinħarat [tinħadem]" u "mergħa permanenti" ħlief żoni kkultivati bi

5 — Il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-Qorti tal-Ġustizzja tifformula mill-ġdid id-domandi preliminari. Madankollu, nikkunsidra li biex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju b'risposti li jkunu utli għaliha u b'hekk tkun tista' tiddeċiedi fuq il-każ, dan ma huwiex neċessarju.

6 — Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009 (C-428/07, Ġabra p. I-6355, punt 29). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak f'din il-kawża, b'mod partikolari, il-punti 43 sa 53.

prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

22. Il-kunċett ta' "żona agrikola" huwa speċifikat fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 795/2004: din hija ż-żona totali kollha meħuda minn art li tinħadem, mergħa permanenti, u uċuħ tar-raba' permanenti.

23. Mill-qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-espressjoni "ettaru eliġibbli" tfisser l-art kollha li tinħadem u l-mergħa permanenti — minbarra żoni bi prodotti permanenti u foresti — li huma użati għal attività agrikola.

24. Għalhekk, ser nirreferi wieħed wara l-ieħor għall-kunċetti ta' (i) mergħa permanenti; (ii) art li tinħadem; u (iii) attività agrikola.

25. Il-kunċetti ta' art li tinħadem u mergħa permanenti huma spjegati fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004. Minn dawn id-dispożizzjonijiet il-qorti tar-rinviju tiddeċiedi li żoni agrikoli għandhom jintużaw għal "finijiet" agrikoli. Għalhekk, hija tqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fil-każ ta' żona użata għal diversi għanijiet (pereżempju wkoll għall-protezzjoni tan-natura), ikunx biżżejjed li tal-inqas għan wieħed ikollu natura agrikola jew jekk jeħtieġx li dan ikun l-għan prinċipali.

26. Madankollu, kif jirriżulta mid-definizzjoni ta' "ettaru eliġibbli" imsemmija fil-punt 21 iktar 'il fuq, u kif ukoll jirriżulta mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, huwa ċar li dak li jimporta f'dan ir-rigward huwa l-użu effettiv taż-żona, jew x'inhu effettivament miżrugħ fiha, iktar milli l-għanijiet (prinċipali) li għalihom tintuża.

27. Fil-fatt, mill-Artikolu 2(e) tar-Regolament Nru 795/2004 (li jirreferi min-naħa tiegħu għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament 796/2004) jirriżulta li "mergħat permanenti" tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-azjenda għal ħames snin jew iktar, minbarra art li taqa' fi ħdan l-iskemi għas-serħan tal-artijiet applikabbli. B'mod ċar, dak li jimporta huwa l-kultivazzjoni effettiva ta' ħaxix jew għalf ieħor li jikber b'mod naturali, minbarra art li taqa' taħt skemi għas-serħan tal-artijiet applikabbli.

28. Għandu jiġi enfasizzat li f'dan ir-rigward il-qorti tar-rinviju qalet li ż-żoni inkwistjoni huma użati għan-nagħaġ. Dan ifisser li dawn iż-żoni huma użati għal ħaxix u għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix naturali.

29. Għalhekk, sakemm iż-żoni inkwistjoni ma ġewx inklużi fin-newba tal-uċuħ tar-raba'tal-azjenda għal ħames snin jew iktar — li ma huwiex ċar mid-dokumenti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja — ikun jidher li ż-żoni inkwistjoni jikkorrispondu mingħajr ebda dubju mad-definizzjoni ta' "mergħat permanenti", peress li huwa ċar li din isservi ta' mergħa għan-nagħaġ.

30. Sussegwentement, fir-rigward tal-kunċett ta' "art li tinħarat [tinħadem]", huwa wkoll ibbażat fuq l-użu effettiv taż-żoni inkwistjoni: mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament 795/2004 (li min-naħa tiegħu jirreferi għall-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 796/2004) jirriżulta li dan jikkorrispondi, essenzjalment, għal art maħduma sabiex jiġu prodotti l-uċuħ tar-raba' jew inkella għal art miżmuma f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003.

31. Fl-ewwel paragrafu tal-aħħar artikolu jidher b'mod partikolari li art miżmuma f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba hi "speċjalment art li m'għadhiex tintuża għal skopijiet produttivi" [7]. Barra dan, hu wkoll jgħid li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu rekwiżiti minimi għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Aness IV. Dan l-anness jipprovdi b'mod partikolari, bit-titolu "Suġġett", kif ġej: "Żgura livell minimu ta' manteniment [manutenzjoni] u evita t-taħsir ta' l-ambjent naturali" [8]

32. Kif rajna fil-bidu, fil-punt 23 iktar 'il fuq, iż-żoni inkwistjoni għandhom ukoll jiġu "użati għal attività agrikola".

33. Id-definizzjoni ta' "attività agrikola" hija pprovduta mill-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1782/2003: din hija "il-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta' annimali u ż-żamma ta' annimali għal skop[ijiet] ta' biedja [agrikoli], jew il-manteniment [manutenzjoni] ta' l-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5".

34. It-tieni domanda tissuġġerixxi li l-qorti tar-rinviju tfittex li tistabbilixxi jekk attività hijiex attività mhux agrikola jekk isservi "prinċipalment" għall-protezzjoni tan-natura. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġustament issostni li, biex ikun iddeterminat jekk iż-żoni inkwistjoni humiex użati għal attivitajiet

7 — Ir-raġunament wara din id-dispożizzjoni huwa spjegat fil-tielet premessa tar-Regolament Nru 1782/2003, li għandu l-għan li jevita art agrikola milli tiġi abbandunata. Barra minn hekk, jista' jsir riferiment wkoll għar-raba' premessa, li tgħid li billi l-mergħa permanenti għandha effett pożittiv ambjentali, hu xieraq li jkunu adottati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħadem.

8 — Taħt it-titolu "Standards", l-anness jirreferi għal densità minima ta' bhejjem jew reġimi xierqa; protezzjoni ta' mergħa permanenti; żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ; u evitar tal-invażjoni tal-artijiet agrikoli minn veġetazzjoni mhux mixtieqa.

li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1782/2003, għandu jiġi rrilevat li din id-definizzjoni ma tirreferix fundamentalment għal għan agrikolu primarju. L-espressjoni "għal skop[ijiet] ta' biedja [agrikoli]" fid-definizzjoni tirreferi għat-trobbija u għaż-żamma ta' annimali, imma mhux għall-karatteristika ġenerali ta' "produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta' prodotti agrikoli". Tabilħaqq, il-fatt li, skont il-qorti tar-rinviju, in-nagħaġ qed jitrabbew għal skopijiet ta' lukru fuq iż-żoni inkwistjoni diġà juri li hemm attività agrikola. Għandu jiġi enfasizzat li dħul minn annimali li jirgħu hija attività agrikola tradizzjonali.

35. F'dan il-kuntest, ma nikkunsidrax li għandu jkun rilevanti l-fatt li, fir-rigward tal-użu taż-żoni inkwistjoni, il-bidwi huwiex, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura. Biex il-bidwi jkun jista' jiddikjara "ettaru eliġibbli" jeħtieġ li ż-żoni inkwistjoni jitqiesu bħala li jifformaw parti mill-azjenda tiegħu fis-sens tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003.

36. Mill-punti 19 u 20 imsemmija iktar 'il fuq, jirriżulta li ma hemm l-ebda kontradizzjoni bejn il-kunċetti ta' żona agrikola jew attività agrikola, minn naħa, u l-aspetti ta' protezzjoni tan-natura [9] min-naħa l-oħra. Barra dan, wieħed jista' jargumenta li, f'dan il-każ, il-protezzjoni tan-natura mhix attività awtonoma fiha nfisha, imma għan li l-Unjoni Ewropea u/jew l-Istati Membri jfittxu li jsegwu — inkluż fil-kuntest tal-attivitajiet agrikoli.

37. Fir-rigward tar-rilevanza tal-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 espressament jgħid li "l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta' kondizzjonijiet amministrattivi statutarji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba li jrid jiġu rispettati". Is-sempliċi fatt li l-bidwi

9 — Bħala eżempju, irrid niġbed l-attenzjoni li l-interpretazzjoni f'dawn il-konklużjonijiet hi sostnuta bil-leġiżlazzjoni applikabbli preżentament. Nirreferi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009 L 30, p. 16). Skont l-Artikolu 34(2)(a) ta' dan ir-regolament, "ettaru eliġibbli" jfisser b'mod partikolari kull żona agrikola li tintuża għal attività agrikola jew, "fejn l-erja [iż-żona] hi użata wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, predominantement użata għal attivitajiet agrikoli". Sussegwentement, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 370/2009, tas-6 ta' Mejju 2009, li jemenda ir-[Regolament Nru 795/2004] (ĠU 2009 L 114, p.3) jipprovdi li żona hija kkunsidrata li hi użata predominantement għal skopijiet agrikoli, "jekk din l-attività agrikola tista' titwettaq mingħajr tfixkil sinifikanti mill-intensità, in-natura, it-tul ta' żmien u l-waqt tal-attività mhix agrikola". Finalment, mill-Artikolu 34(2)(b) tar-Regolament Nru 73/2009 jirriżulta li żona li ppermettiet d-dritt għal pagamenti taħt l-SPS fl-2008 għandha tibqa' eliġibbli anki jekk m'għadhiex konformi mad-definizzjoni ta' "eliġibbli" bħala riżultat tal-implementazzjoni ta' ċerti miżuri ambjentali msemmija hemmhekk.

huwa suġġett għal struzzjonijiet ma għandux jipprekludih milli jeżerċita attività agrikola b'mod awtonomu fuq iż-żoni inkwistjoni.

38. Kif A. Niedermair-Schiemann u l-Gvern Pollakk ġustament osservaw, attività agrikola, skont id-definizzjoni, qatt ma hija kollha kemm hi mingħajr restrizzjonijiet u l-bdiewa huma suġġetti għall-osservanza ta' diversi kundizzjonijiet applikabbli, inkluż dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent, partikolarment dawk imposti skont il-kundizzjonalità.

39. Naqbel mal-Kummissjoni li ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċpali jirrappreżentaw eżempju perfett ta' agrikoltura ekoloġika. Hija l-attività agrikola awtonoma nfisha ta' A. Niedermair-Schiemann, jiġifieri t-trobbija tan-nagħaġ, li tissodisfa l-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura. Fil-fatt, ikun illoġiku jekk dan l-eżempju perfett ta' agrikoltura sostenibbli jiġi kklassifikat bħala mhux agrikolu minħabba n-natura ekoloġika tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-iskema kollha tar-Regolament Nru 1782/2003 u r-riforma tal-politika agrikola komuni tal-2003 inġenerali kienet biex l-agrikoltura Ewropea ssir iktar sostenibbli, kompetittiva u iktar orjentata lejn is-suq [10]. Barra minn hekk, A. Niedermair-Schiemann sostniet li ż-żona użata għat-trobbija tan-nagħaġ hija ħafna drabi speċjali minn aspett agro-ambjentali: jirrigwardaw żoni li l-użu tagħhom huwa prattikament nieqes minn kull interess ekonomiku (żoni bi dħul marġinali), li huma użati għall-interess tal-proprjetarju taż-żona, bil-għan li jiġi ppreżervat il-valur ekoloġiku tagħha.

40. Finalment, għandu jiġi enfasizzat li mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, fil-kuntest ta' programmi ta' appoġġ Awstrijaċi u Franċiżi, iż-żoni użati għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura huma wkoll meħuda inkunsiderazzjoni għall-appoġġi mħallsa skont l-iskema ta' pagament uniku.

41. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li żona tibqa' "żona agrikola" fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 jekk, għalkemm użata wkoll għal skopijiet agrikoli (mergħa għan-nagħaġ), hija sservi prinċipalment għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura. Fir-rigward tat-tieni domanda, ir-risposta għandha tkun fis-sens li żona tibqa' użata għal attività agrikola fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 anki jekk l-attività agrikola sservi prinċipalment għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura u anki jekk il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli mill-protezzjoni tan-natura.

10 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, R. Norer, *Rechtsfragen der Reform der Gemeinsamen Agrarpolitik 2003, Einheitliche Betriebsprämie und Cross Compliance in europa-, verfassungs-, verwaltungs- und zivilrechtlicher Analyse*, NWV, Vjenna – Graz, 2007, p. 13 *et seq.*

2. It-tielet domanda

42. Bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda (żona agrikola tal-azjenda skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003), a) jekk huwiex neċessarju li din tkun għad-dispożizzjoni tal-azjenda permezz ta' kuntratt ta' kiri jew ta' tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas; b) fil-każ ta' risposta negattiva, jekk iż-żona tibqax tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas, jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura u ċ) fil-każ ta' risposta affermattiva, jekk iż-żona tibqax tifforma parti mill-azjenda meta l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata.

43. Peress li, kif diġà rajna iktar 'il fuq, f'din il-kawża hemm żona agrikola li qed tintuża għal attività agrikola, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikseb ċerta informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet li fihom żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda.

44. Fil-prinċipju, il-kwistjoni dwar jekk żona tkunx ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda agrikola tista' toħloq problema partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn żona hija mitluba minn diversi bdiewa, għalkemm hija ma hijiex is-suġġett ta' użu komuni. Però din mhix is-sitwazzjoni fil-każ preżenti. F'din il-kawża, il-kwistjoni dwar l-allokazzjoni ta' żona lil azjenda tqajmet mill-qorti tar-rinviju fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' użu taż-żona.

45. Mill-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 jirriżulta li "ettaru eliġibbli" huwa żona agrikola "ta' l-azjenda".

46. Sussegwentement, l-Artikolu 2(b) jipprovdi li "azjenda' tfisser il-"units" kollha ta' produzzjoni "immexxija" ("verwaltet" bil-Ġermaniż) minn bidwi li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru.

47. Finalment, l-Artikolu 44(3) jgħid li ż-żona agrikola "għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal perjodu ta' mhux inqas minn 10 xhur".

48. La r-Regolament Nru 1782/2003 u lanqas ir-Regolamenti Nri 795/2004 u 796/2004 ma fihom definizzjoni tat-terminu "immexxija" jew tal-espressjoni "[għandu] [j]kun għad-dispożizzjoni".

49. Kif enfasizza l-Gvern Ġermaniż, mill-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003 jirriżulta li ż-żona (il-biċċiet ta' art li jikkorrispondu għall-ettari eliġibbli) għandha tkun użata, u għandhom ikunu s-suġġett ta' użu agrikolu mill-bidwi. Unità ta' produzzjoni hija mmexxija mill-bidwi jekk hu jew hi jagħmel/tagħmel użu agrikolu minnha f'ismu/isimha. Għalhekk, fil-prinċipju, il-partijiet kontraenti huma liberi li jirranġaw ir-relazzjonijiet legali li jservu bħala bażi għall-użu ta' żona. L-eżistenza ta' użu agrikolu f'isem il-bidwi għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tal-każ.

50. Naqbel ukoll mal-Kummissjoni fuq il-fatt li d-dettalji tal-proprjetà jew is-sistema kuntrattwali, pereżempju l-eżistenza ta' kuntratt ta' kera jew ta' remunerazzjoni li biha l-bidwi jista' jiddikjara ż-żona, ma humiex deċiżivi f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, jista' jkun utli li jiġi enfasizzat li fl-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jagħmel parti mill-istess sezzjoni tar-regolament bħall-Artikolu 44, il-leġiżlatur Komunitarju espressament ipprovda, fil-kuntest tat-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament, għal ċerti sistemi kuntrattwali, bħal kera jew tipi ta' tranżazzjonijiet simili, kif ukoll trasferiment definittiv [11].

11 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, van Dijk (C-470/08, Ġabra p. I-603, u l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Harms (C-434/08), li għadha pendenti quddiem il-Qorti.

51. Madankollu, l-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jirreferix b'mod ċar għal dawn l-aspetti. Għalhekk, naqbel mal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju li mhux biss meta jkun hemm kera jew tranżazzjoni simili li l-kundizzjoni dwar is-setgħa ta' dispożizzjoni tal-azjenda tista' tiġi sodisfatta.

52. Finalment, kif ġustament osserva l-Gvern Pollakk, il-kwistjoni ta' titolu legali taż-żoni hija kwistjoni ta' liġi ċivili u tvarja bejn l-Istati Membri. Jekk hija kienet rilevanti fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003, kien ikun hemm ir-riskju li ma tkunx applikata b'mod uniformi fis-27 Stat Membru.

53. Il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk żona tifformax parti mill-azjenda meta hija titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas jew jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża bħala attività agrikola, b'ċerti restrizzjonijiet rigward in-natura u l-perijodu tal-attività.

54. F'dan ir-rigward, iżda wkoll għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni msemmija iktar 'il fuq dwar il-kera, il-qorti tar-rinviju semmiet li, tradizzjonalment, ir-rgħajja, jużaw żoni agrikoli b'mod estensiv u mingħajr ħlas,

skont tolleranza tas-sid ibbażata fuq dritt konswetudinarju [12].

55. Fir-rigward tal-fatt li ż-żona titqiegħed għad-dispożizzjoni għal perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-Kummissjoni ġustament sostniet li l-perijodu ta' 10 xhur meħtieġ mill-Artikolu 44(3) tar-Regolament 1782/2003 jimplika li l-bidwi jista' juża ż-żona inkwistjoni għall-attività agrikola tiegħu għal perijodu tal-inqas 10 xhur. Madankollu, dan jinkludi l-manutenzjoni tal-art f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba. Konsegwentement, meta jkunu jeżistu restrizzjonijiet ta' użu, huwa neċessarju li matul il-perijodu ta' restrizzjoni, iż-żona tibqa' sservi għall-attività agrikola, li mingħajrha l-element ta' allokazzjoni funzjonali għal azjenda ma jeżistix.

56. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 146/2008 [13], l-Artikolu 44(3) tar-Regolament Nru 1782/2003 ifittex li jiżgura li ma jkunx hemm talbiet doppji għall-istess art. Madankollu mid-digriet tar-rinviju jidher li jirriżulta li ż-żona inkwistjoni hija użata minn bidwi wieħed, jiġifieri A. Niedermair-Schiemann, u hija l-unika persuna intitolata biex tuża din iż-żona.

57. Iż-żona ma tistax tintuża għal 10 xhur fis-sena, għax il-perijodu ta' użu effettiv huwa limitat. Madankollu, huwa biżżejjed li, matul dan il-perijodu, iż-żona ma tkunx użata għal attività agrikola oħra u li l-azjenda tista' tuża l-ħaxix li jikber fl-10 xhur bħala għalf għall-annimali. Il-qorti tar-rinviju ġustament qieset li minn dan isegwi li, f'dan il-każ, minkejja r-restrizzjonijiet ta' użu, l-użu agrikolu xorta baqa' possibbli. Għalhekk, iż-żoni inkwistjoni servew għall-attività agrikola anki meta l-użu kien ristrett.

58. Biex nikkonkludi, naqbel ma' A. Niedermair-Schiemann li, sabiex żona tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda, huwa biżżejjed li l-bidwi li effettivament juża ż-żona 1) ikollu l-possibbiltà li jeskludi użu li jsir fl-istess ħin minn terzi; 2) jista' jiddisponi mill-frott ta' xogħlu; 3) mingħajr ma jkun totalment suġġett għal deċiżjonijiet meħuda minn terzi.

12 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-punt 39 iktar 'il fuq.

13 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 146/2008, tal-14 ta' Frar 2008, li jemenda r-[Regolament Nru 1782/2003] u r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 46, p. 1).

59. Għalhekk, b'risposta għall-ewwel u t-tieni parti tat-tielet domanda [taħt a) u b)], inqis li, sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda, ma huwiex neċessarju li tkun għad-dispożizzjoni tal-azjenda permezz ta' kuntratt ta' kera jew tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas. Barra dan, iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas, jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura.

60. Peress li l-ewwel parti tat-tielet domanda [taħt a)] ingħatat risposta negativva, mhux neċessarju, fil-prinċipju, li tingħata risposta għat-tielet parti [taħt ċ)]. Madankollu, għall-finijiet ta' kompletezza, ser nanalizzaha u nifforma l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin. Kif rajna iktar 'il fuq, ir-relazzjonijiet kuntrattwali formali ma humiex rilevanti f'dan il-kuntest u huma d-drittijiet effettivi ta' użu li jkollu l-bidwi li huma rilevanti. Il-fatt li l-bidwi huwa msemmi bħala "l-parti li tagħmel ix-xogħol" ("le mandataire" bil-Franċiż) mhux deċiżiv. Għalhekk, sakemm il-bidwi jeżerċita attività agrikola b'mod awtonomu fuq iż-żoni inkwistjoni, kemm jekk jirċievi remunerazzjoni addizzjonali jew le, dawn iż-żoni huma kkunsidrati bħala li jifformaw parti mill-azjenda. Mid-digriet tar-rinviju jidher li jirriżulta li r-remunerazzjoni ma hijiex salarju tal-attività tal-mergħa, imma primjum biex ipatti għad-diffikultajiet, għax l-azjenda trid titmexxa, għal raġunijiet ekoloġiċi, b'mod speċifiku ħafna li jiswa l-flus, apparentement l-ammont inkwistjoni ipatti għall-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-użi ta' żoni bi dħul marġinali. Fiha nfsha l-mergħa sservi l-iskop tal-azjenda agrikola, għaliex inkella n-nagħaġ iridu jirgħu x'imkien ieħor.

61. Fl-opinjoni tiegħi, mid-digriet tar-rinviju ma jirriżultax li, f'dan il-każ, il-bidwi ma setgħax jipprattika t-trobbija tan-nagħaġ b'mod awtonomu fuq iż-żoni inkwistjoni.

62. Għalhekk, b'risposta għat-tielet parti tat-tielet domanda [taħt ċ)], inqis li ż-żona tkompli tifforma parti mill-azjenda meta l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata.

## IV — Konklużjoni

63. Nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tal-Obverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz:

"1. Żona tibqa' "żona agrikola" fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, u regolamenti varji oħra meta, għalkemm użata wkoll għal skopijiet agrikoli (mergħa għat-trobbija tan-nagħaġ), din prinċipalment isservi għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura.

2. Żona tibqa' tintuża għal attività agrikola fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 anki jekk l-attività agrikola sservi prinċipalment għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura, u anki jekk il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura.

3. Sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda, ma huwiex neċessarju li tkun għad-dispożizzjoni tal-azjenda permezz ta' kuntratt ta' kera jew tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas. Barra dan, iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas, jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura. Finalment, iż-żona tkompli tifforma parti mill-azjenda meta l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata."